MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Awwissu, 2013

Numru. 770/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**JESMOND PULIS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jesmond Pulis ta' 48 sena bin Grazzio u Vincenza nee' Cassar imwieled Haz Zabbar fis-7 ta' Frar 1965 u joqghod 2, Shalom, Triq tal-Hofra, Haz Zabbar detentur tal-karta ta' l-Identita' b'numru 105965M

Gie akkuzat talli fl-13 t'Awissu 2013 ghal habta ta' 5.45pm u/jew hinijiet wara b'vettura tal-ghamla BMW numru tar

registrazzjoni GBP512 fi Triq Kordin Rahal Gdid u/jew postijiet ohra f'dawn il-gzejjer:

Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt, liema delitt u ta' offiza ta' natura gravi ma giex esegwit minhabba xi haga acicidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, liema feriti kieku saru setghu kellhom konsegwenzi li jgibu periklu tal-hajja jew debbullizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem ta' Joseph Spiteri u Kristy Spiteri minn Hal-Qormi u Nadia Abela mill-Fgura..

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi minghajr il-hsieb li joqtol u jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Joseph Spiteri u Kristy Spiteri minn Hal-Qormi u Nadia Abela mill Fgura skond ma ccertifikaw Dr. Bassam Shamala Reg 1661,Dr,Michael Spiteri Reg 2666 u Dr. R.D.Cauchi reg 3220 mill Isptar Mater Dei rispettivament.

Talli fl-istess cirkustanzi volontarjament ghamel hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara fuq vettura ghamla Fiat Dublo numru tar-registrazzjoni ABT086 ghad-dannu ta' Joseph Spiteri u/jew persuni ohra liema hsara hi izjed minn 1164.69 Euros.

Talli fl-istess cirkustanzi wara li kien involut f'incident tat-traffiku u kkaguana hsara fuq vettura ghamla Fiat Dublo numru tar-registrazzjoni ABT086 naqas li jieqaf fuq il-post tal-incident.

Talli fl-istess cirkustanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna biza' lil Joseph Spiteri, Nadia Abela, u Kristy Spiteri li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti,d ixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra.

Talli b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni ta’ hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Anthony Sammut minn tas-Sliema skond kif iccertifikat Dr. Michelle Darmanin mill-isptar Mater Dei.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni ta’ hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna hsara fuq vettura tal-ghamla Peugeot numru tar-registrazzjoni TAXI199M ghad-detriment ta’ Anthony Sammut minn tas-Sliema.

Talli fl-istess cirkustanzi saq vettura vettura tal-ghamla BMW numru tar registrazzjoni GBP512 b’manjiera bla kont, traskurata u perikoluza.

Talli fl istess cirkustanzi saq vettura tal-ghamla BMW numru tar registrazzjoni GBP512 bi speed eccessiv.

Il-Qorti giet mitluba li f’sejbien ta’ htija, Jesmond Pulis jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan.

Il-Qorti giet mitluba biex tapplika l-Artikolu 412C tal-Kap tal-Ligijiet ta’ Malta bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta ta’ Joseph Spiteri, Nadia Abela, u Kristy Spiteri.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Joseph Spiteri, Nadia Abela, u Kristy Spiteri u tapplika l-provvedimenti ta’ Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 9 tal-Process u nnutat li l-imputat Jesmond Pulis m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 41(1)(a), 214, 221(1), 226(1)(c), 216(1)(a), 325, 328(d) u 251B tal-Kap. 9, l-artikoli 15(1)(a) u 15(2) u 32 tal-Kap. 65 u r-Regolamenti 67 u 127 tal-Avviz Legali 128/94.

Issib lill-imputat Jesmond Pulis, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Jesmond Pulis ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u hames mitt Ewro (Ewro 500) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Jesmond Pulis jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Jesmond Pulis milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Jesmond Pulis b’obbligazzjoni personali ta’ hames t’elef Ewro (Ewro 5000) li jzomm il-kwiet ma’ Joseph Spiteri, Kristy Spiteri u Nadia Abela u li ma jersaqx lejn ir-residenza jew il-post tax-xoghol tal-imsemmija tlett persuni ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Jesmond Pulis l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------